**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Joseph Muscat**
**Alfred Cini**

Numru: 82/2007

Illum 27 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Muscat,** ta' tnejn u erbghin (42) sena, iben Paul u Consilia nee' Portelli, imwieled Victoria, nhar it-3 ta' Awwissu 1965, residenti fil-fond numru 29, Triq Guze' Ellul Mercer, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 27965(G) u **Alfred Cini,** ta' hamsa u hamsin (55) sena, iben Paul u Carmela nee' Cascun, imwieled

Nadur, nhar is-26 ta' Lulju 1952, residenti fil-fond Beverly Hills, Triq it-Telegrafu, Nadur, Ghawdex u/jew Arka ta' Noe', Triq San Kurunatu, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 51252(G), akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-5 ta' Awwissu 2006 u l-ahhar xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda gewwa Triq it-Telegrafu, Nadur, Ghawdex;

a. Talli xjentement, jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti kkagunaw dannu lil jew qerdu proprjeta' kultuali sew jekk tali proprjeta' kulturali kienet sew jekk ma kinitx registrata f'xi inventarju skont l-Att 445 dwar il-Patrimonju Kulturali (2002), u kemm jekk is-sid ta' tali proprjeta' ta' patrimonju kulturali jkun persuna li tkun ikkagunat hsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna kienet qieghda tamministraha b'mod legittimu u dan bi ksur tal-Att 445 dwar il-Patrimonju Kulturali (2002)artikolu 53 (a);

b. Ghamlu xi attivita' jew inkella agixxew bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att 445 dwar il-Patrimonju Kulturali (2002) jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew tal-kondizzjonijiet ta' licenzja jew permess mahrug taht dan l-istess Att jew naqsu milli jaghmlu xi haga li kien mehtiega li jaghmlu taht dan l-Att, regolament jew licenzja, u dan bi ksur tal-Att 445 dwar il-Patrimonju Kulturali (2002) artikolu 53 (b);

c. Naqsu milli jimxu skont xi avviz ta' sospensjoni mahrug skont l-artikolu 46 jew skont ordni ta' konservazzjoni jew protezzjoni maghmul skont l-artikolu 47 tal-Att 445 dwar il-Patrimonju Kulturali (2002) artikolu 53 (d);

d. Ukoll talli fl-istess lok u cirkustanzi volontarjament ikkagunaw hsara ghad-detriment ta' Saviour Azzopardi liema hsara teccedi il-Lm500.00;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 242) datata 23 ta' April 2012 li permezz taghha baghat lill-imputati Joseph Muscat u Alfred Cini biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) fl-artikolu 53(a) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 53(b) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 46, 47 u 53(d) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 18 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikoli 17, 23, 30, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 246), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-23 ta' April

2012, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 311) il-Qorti tat cans lill-prosekuzzjoni, difiza u l-parte civile sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx s-sottomissjoni taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi fit-28 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 325 et sequitor), id-difiza pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Rat illi fis-26 ta' Novembru 2015 (*a fol. 313 et sequitor*), il-*parte civile* pprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat illi din il-Qorti hasset li kellha taghmel Access fuq il-post inkwistjoni biex tiffamiljarizza ruhha mal-post u dan wara li l-partijiet dahlu n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, liema Access sehh nhar il-Hamis 7 ta' Jannar 2016 fil-hdax ta' filghodu (11:00am).

**IL-FATTISPECIE TAL-KAZ**

Dawn il-proċeduri nbdew wara li saret kwerela mill-*parte civile*. Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ssostni li din il-kwerela kienet ipprovoka mill-fatt li l-imputat Alfred Cini rrifjuta li jagħti żewġ garaxxijiet mill-proprjetà tiegħu lill-kwerelant Saviour Azzopardi sabiex l-istess Azzopardi ma jdejqux milli jkompli jizviluppa l-proprjetà.

Id-difiza ssostni li Cini ma ħass l-ebda raġuni għaliex huwa kellu jagħti żewġ garaxxijiet lil Azzopardi u dan għamel kwerela lill-Pulizija sabiex imexxu kontra Alfred Cini li huwa sid il-proprjetà fejn kien qiegħed isir ix-xogħol.

Dakinhar li marru l-Pulizija fuq il-post kien hemm preżenti Joseph Muscat li kien qiegħed jagħmel xi xogħol fuq l-istruzzjonijiet tal-imgħallem tiegħu Peter Paul Said. Dakinhar kien hemm diversi ħaddiema oħra li wettqu xogħol simili għal tiegħu kemm qabel id-data li fiha marru l-Pulizija kif ukoll wara. Minn dawn ħadd ma tressaq il-Qorti.

Is-Supretendent Antonello Grech[1] stqarr li ma kienet saret ebda inkjesta u s-Sovraintendenza Patrimonju Kulturali kienu tawh struzzjonijiet sabiex ma jiħux proċeduri fil-konfront tal-imputati.

[1] a fol 143

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2007. Bidel l-idejn minghand Magistrat ghal iehor. F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata w kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, ma hix accettabbli w hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju w stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruħha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Samuel Onyeabor v. Avukat Generali** deċiża nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015:

> *Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xiehda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-għbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*
>
> *Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'effiċjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal-ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu*

*nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[2]

**L-Att dwar il-Patrimonju Kulturali**[3]

Il-Qorti se tara kif dan l-Att jaghti interpretazzjoni ghall-patrimonju kulturali, konservazzjoni u konservazzjoni integrata:

**"patrimonju kulturali"** tfisser *oġġetti mobbli jew immobbli ta' importanza artistika, arkitettonika, storika, arkeoloġika, etnografika, paleontoloġika u ġeologika u tinkludi informazzjoni jew data relattivi għall-patrimonju kulturali li jappartjeni lil Malta jew lil xi pajjiż ieħor. Dan jinkludi wkoll siti jew depożiti arkeoloġiċi, paleontoloġiċi jew ġeoloġiċi, paesaġġ, gruppi ta' bini, kif ukoll kollezzjonijiet xjentifiċi, kollezzjonijiet ta' oġġetti artistiċi, manuskritti, kotba, materjal ippubblikat, arkivji, materjal awdjo-viżiv u riproduzzjonijiet ta' xi waħda minn dawn hawn qabel imsemmija, jew kollezzjonijiet ta' valur storiku, kif ukoll assi kulturali intanġibbli li jinkludi l-arti, it-tradizzjonijiet, id-drawwa u l-ħiliet li jintużaw fl-arti dimostrattiva, fl-arti applikata u fl-artiġġjanat u assi intanġibbli oħra li għandhom valur storiku, artistiku jew etnografiku;*

**"konservazzjoni"** tfisser *attività meħtieġa biex kemm jista' jkun tkabbar ir-reżistenza jew tnaqqas id-deterjorament ta' proprjetà kulturali, u tinkludi l-*

[2] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

[3] Dan l-Att tal-2002 jipprovdi minflok l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet, Kap. 54, għas-sovrintendenza, konservazzjoni u amministrazzjoni tal-patrimonju kulturali f'Malta u dwar ħwejjeġ ancillari għal dan jew li għandhom x'jaqsmu ma' dan.

*eżami, ittestjar, ikkurar, reġistrazzjoni u preservazzjoni ta' kull tali proprjetà kulturali jew xi parti minnha;*

**"konservazzjoni integrata"** tfisser *dik il-firxa sħiħa ta' miżuri li għandhom l-iskop li jassiguraw it-tkomplija ġejjiena tal-patrimonju kulturali, li dan jinżamm hekk li jagħmel parti minn ambjent adatt, sew jekk magħmul mill-bniedem sew jekk naturali, l-utilizzazzjoni tiegħu u l-adattament tiegħu għall-ħtiġijiet tas-soċjetà. Dak l-għan għandu jinkiseb permezz tal-għoti ta' ħajja mill-ġdid u tal-integrazzjoni tal-patrimonju kulturali fi ħdan l-ambjent fiżiku tas-soċjetà tal-lum u bl-assenjazzjoni ta' funzjoni soċjali għal dak il-patrimonju kulturali li jkun kompatibbli mad-dinjità tiegħu u mal-qagħda li jkollu;*

Għall-finijiet tal-Att 445 dwar il-Patrimonju Kulturali (2002), oġġett ma jitqiesx li jkun jagħmel parti mill-patrimonju kulturali kemm-il darba dan ma jkunx eżista f'Malta, inklużi l-ibħra territorjali tagħha, jew f'xi pajjiż ieħor, għal ħamsin sena, jew kemm-il darba ma jkunx oġġett ta' valur kulturali, artistiku, storiku, etnografiku, xjentifiku jew industrijali, ukoll jekk kontemporanju, li għandu jiġi preservat.

Il-Qrati taghna ftit li xejn trattaw reati marbuta ma' dan l-Att, mhux l-istess fil-pajjiz gar taghna l-Italja fejn fil-**Codice Penale** vigenti hemm zewg Artikoli partikolari li jidher li l-legislatur ta' pajjizna uzahom bhala linja gwida fit-tfassil tal-legislazzjoni taghna.

Artikolu 733 jitkellem dwar id-**Danneggiamento al patrimonio archeologico, storico o artistico nazionale**.

*Chiunque distrugge, deteriora o comunque danneggia un monumento o un'altra cosa propria di cui gli sia noto il rilevante pregio, è punito, se dal fatto deriva un nocumento al patrimonio archeologico, storico, o artistico nazionale, con l'arresto fino a un anno o con l'ammenda non inferiore a €2.065.*

Artikolu 734 jitkellem dwar id-**Distruzione o deturpamento di bellezze naturali.**

*Chiunque, mediante costruzioni, demolizioni, o in qualsiasi altro modo, distrugge o altera le bellezze naturali dei luoghi soggetti alla speciale protezione dell'Autorità, è punito con l'ammenda da €1.032 a €6.197.*

Id-**Danneggiamento al patrimonio archeologico, storico o artistico nazionale** kien interpretat b'dan il-mod fil-gurisprudenza Taljana.

**Soggetto attivo:**

Secondo parte della giurisprudenza, il reato in esame è proprio, potendo essere commesso solo dal proprietario, dal possessore o dal detentore della cosa o del monumento (**Cass. II, 17-10-86**); persona diversa potra' rispondere, ricorrendone gli estremi, del delitto di danneggiamento comune di cui all'art 635 c.p. Secondo altra giurisprudenza, invece, il reato di cui all'art. 733 non è proprio, nel senso che non è riferibile al solo proprietari privato (**Cass. III, 1-3-95**); pertanto, può rispondere del reato il legale rappresentante di un ente privato (**Cass. III, 4-11-93**) e addirittura la Pubblica Amministrazione (**Cass. III, 12-5-93**).

Soggetto attivo del reato di cui all'art. 733 c.p., è solo il proprietario della cosa, non il possessore in quanto tale e tanto meno il semplice detentore. Terzi estranei alla proprietà possono solo concorrere col proprietario alla commissione della contravvenzione (**Cass. III, 29-4-98**).[4]

Id-**Distruzione o deturpamento di bellezze naturali** ukoll tul is-snin kien suggett ghal interpretazzjonijiet varji.

Non è sufficiente per integrare il reato nè l'esecuzione di un'opera, nè la semplice alterazione delle cose sottoposte a vincolo, ma occorre che tale alterazione abbia effettivamente determinato la distruzione o il deturpamento delle bellezze naturali (**Cass. Sez. Un., 21-10-92**). L'illecito non ricorre in caso di modificazione del luogo che ne lasci impregiudicato il valore estetico (**Cass. III, 31-1-86**). Non è necessario, invece, che l'alterazione sia grave o irreparabile (**Cass, III, 10-12-91**), nè rileva il fatto che possa essere rimossa (**Cass, VI, 9-10-78)**. La preesistenza di alterazioni non costituisce valida esimente per l'imputato (**Cass. Sez. Un., 28-2-89**), potendo anche l'opera abusiva seguire ad altre e concorrere cosi' ad alterare la conformazione originaria del paesaggio (**Cass. Sez. Un., 12-10-93**). La fattispecie penali, tipicamenti di danno ed a dorma libera (**Cass. III, 11-10-80**), si configura anche in presenza di un effettivo e grave danno ambientale, risultante da impatti negativi di tipo percettivo-visivo, storico-culturale e da impatti negativi sull'ecosistema, sul paesaggio e sulla fauna (**Cass. III, 29-1-01**).

Presupposto per l'applicabilità della norma è la speciale protezione dell'autorita', cioè un atto amministrativo che, ai sensi della l.n. 1497/39, dichiari il luogo una bellezza naturale meritevole di speciale protezione guiridica (**Cass. III, 6-6-83**).

---

[4] Codice Penale operative, VI Edizione annotato con dottrina e giurisprudenza, Gruppo Editoriale Esselibri – Simone, Pg. 1589

Le bellezze naturali sono individuate dall'art. 1,1.n.1497/39, la quale regola anche il procedimento per l'imposizione del vincolo, distinguendo tra bellezze individuali e bellezze d'insieme (**Cass. II, 11-4-84).**

Il reato non è escluso da una autorizzazione amministrativa (es.: licenza edilizia); tuttavia, si può tenere conto della buona fede dell'agente per escludere la sua colpevolezza (**Cass. III, 6-2-96**).

**Elemento soggettivo**

È costituito indifferentemente dal dolo o dalla colpa. È tuttavia necessaria la conoscenza o la conoscivilita' dell'esistenza del vincolo ed è esclusa la sussistenza dell'elemento psicologico qualora sia stata rilasciata l'autorizzazione paesistica (**Cass. III, 29-9-92**).

**Consumazione**

Parte della giurisprudenza inizialmente considera il reato istantaneo con effetti permanenti, perchè la violazione e la condotta antigiuridica si esauriscono nel momento del compimento dell'atto, anche se perdura il danno (**Cass. III, 5-6-2003**). Altra parte, invece, afferma che il reato è permanente, perchè la condotta non si esaurisce con la sistemazione dell'ostacolo alle bellezze naturali, ma perdura fino alla sua rimozione (**Cass. II, 2-8-94**). La consumazione del reato avviene nel momento in cui è cessata l'attivita' vietata (**Cass. III, 8-2-85**), anche quando questa consti di atti plurimi e frazionati nel tempo (**Cass. III, 21-2-85**).

**Profili processuali**

È domandato al giudice l'accertamento della sussistenza della distruzione o alterazione delle bellezze naturali dei luoghi soggetti alla speciale protezione dell'autorita', anche in presenza di un'autorizzazione amministrativa che non esclude di per sè il reato, ma della quale il giudice dovra' tenere conto ai fini della valutazione dell'elemento psicologico del reato **(Cass. Sez. Un., 21-10-92; Cass. III, 3-3-2004)/ Contra (Cass. III, 17-2-2004)**.[5]

## Xhieda relevanti

Il-Qorti waqt li kienet qeghda tara x-xhieda li nghatat f'dawn l-ahhar tmien snin li ilu sejjer il-process tat attenzjoni partikolari lix-xhieda teknika u indipendenti mill-partijiet u dan ghaliex ix-xhieda ta' dawn hija krucjali biex tinstab htija jew le fuq l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

L-uffiċċjal mas-Sovratendent Patrimonju Kulturali **Mark Anthony Mifsud**[6] ta elenku ta' kif l-ufficcju taghhom kien involute f'din il-kwistjoni.

Se nibda minn April tal-elfejn u sitta (2006). Uffiċċju tas-Sovratendenza f'dawk il-jiem kien ghamel spezzjoni inizjali, preliminari, ta' dawn l-gherien. Dawn l-gherien kienu ġew identifikati li kellhom wirt kulturali billi kienu fdalijiet vernakolari – *vernacular features*, espressjoni li nuzaw teknikament – li kienu rapprezentattivi ta' attività rurali tradizzjonali. Terga' l-gherien, is-Sovraintendenza deherilha li l-gherien kellhom valur ikbar billi kienu f'kuntest ta' area rurali u li kienu jaghtu għal fuq wied ta'

[5] Ibid. pg. 1591
[6] Xhieda moghtija fit-23 ta' Ottubru 2008

ċertu valur, *scenic value*. Izjed u izjed konna rajna li dawn l-gherien rajna fihom xi qtugh – insejhulhom teknikament *rock cut features* – xi qtugh li setghu jindikaw l-uzu ta' dawn l-gherien bħala oqbra fi żminijiet imghoddi, fl-antik. Mela dan kien f'April.

F'Ġunju nafu li ħareġ il-permess tal-iżvilupp PA 5299/05 li kien inhareg għal żvilupp hdejn u madwar dawn l-gherien. Fis-sitta (6) ta' Lulju, fid-dawl tal-izviluppi, fis-sitta (6) ta' Lulju, ittri registrati kienu ntbaghtu lill-Perit Robert Grech, lis-Sur Saviour Azzopardi, lil Mr Alfred Cini u lil Ms Maria Vella. Dawn l-ittri registrati kienu jinfurmawhom li l-gherien u fdalijiet arkeologici – *archeological features*, il-kelma – kellhom valur kulturali, ta' wirt kulturali, li dawn kienu protetti f'termini tal-Att tal-Patrimonju Kulturali u li x-xogħlijiet ma kellhomx jaghmlu ħsara lill-wirt kulturali.

Fis-sbatax (17) ta' Lulju tal-elfejn u sitta (2006) wara li wasal rapport li x-xogħlijiet kienu qegħdin jaghmlu ħsara lill-gherien, ittra registrata kienet intbaghtet lil Mr Frendu Cini u kopja ta' din l-ittra ntbaghtet lill-Perit Grech li ordnajnielhom biex iwaqqfu x-xogħlijiet fuq il-post. Billi aħna ma kellniex fizzjal fuq il-post, bl-assistenza tal-pulizija, kien hemm komunikazzjoni mal-pulizija fittixna l-assistenza taghhom biex nizguraw li x-xogħlijiet jiefqu b'urgenza fil-fatt … li l-komunikazzjoni ma kinitx diretta. Dik kienet fis-sbatax (17) ta' Lulju.

Fid-dsatax (19) ta' Lulju elfejn u sitta (2006), is-sit imbagħad, jumejn wara li baghtna l-korrispondenza, kien hemm spezzjoni tas-sit minn fizzjal tas-Sovraintendenza, li kkonfermajna li fil-fatt l-gherien kienu ghadhom hemm. Il-Perit Grech fl-istess jum, id-dsatax (19) ta' Lulju, kiteb lis-Soprintendenza, qabel li l-gherien kellhom jiġi preservati u li x-xogħlijiet kellhom jipprocedu b'tali mod li jippriservaw l-gherien. Fid-dawl ta' din l-istqarrija tal-perit, fl-ghoxrin (20) ta' Lulju, il-ġurnata ta' wara, is-

Soprintendenza baghtitlu *email* lill-Perit Grech li ppermettejna li x-xogħlijiet ikomplu, biss li m'ghandux isir ħsara lill-gherien u lill-fdalijiet arkeologici.

Fl-ewwel (1) ta' Awwissu l-Perit Grech infurmana b'*email* li x-xogħlijiet fil-fatt kienu qed jimxu u li kien ħa passi addizzjonali, mizuri addizzjonali, biex jikkonserva il-wicc tal-blat u jipprotegi l-gherien. Dak kien fl-ewwel (1) ta' Awwissu.

Fil-ħmistax (15) ta' Settembru ufficcjali tas- Soprintendenza regghu ghamlu spezzjoni tas-sit u nnutajna li l-gherien hemmhekk kienu ghadhom iżda xi ħsara kienet saret għax il-blat kien maqsum – *cracking of the bed rock* qed jidher hawnhekk – dan kien fil-ħmistax (15) ta' Settembru. Fit-tmintax (18) ta' Settembru billi aħna konna qed naghmlu ghemielna biex nipprotegu kemm jista' ikun dawn l-gherien, fil-fatt baghtna *email* lill-MEPA, oggezzjonajana ghall-applikazzjoni 4307/06 li kienet applikazzjoni biex ix-xogħlijiet jigu estizi b'tali mod li jigu mkissra dawn l-gherien. Aħna oggezzjonajna bil-miktub lill-MEPA li ma jmurx jinhareg permess li fil-fatt jippermetti l-ksur taghhom.

Fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju elfejn u tmienja (2008), jiġifieri mxejna għal din is-sena, ufficcjali tas- Soprintendenza regghu ghamlu spezzjoni tas-sit. Innutajna li l-gherien ghadhom hemm; ix-xogħlijiet jidhirli kienu weqfin meta ghamilna l-*inspection on the twenty eighth of May* jew imxew b'tali mod li ma kinux kaxkru, jekk nista' nuza l-espressjoni, ma kinux tnehhew l-gherien, imma nnutajna li s-sit xorta wera degrat u xquq fil-blat. Jiġifieri xi ħsara kien hemm.

Kontro eżami tad-Difiża:

Kien hemm okkażjonijiet meta jiena mort personalment fuq il-post. Qed niġi mistoqsi mid-Difiza jekk jiena nafx illi fil-fatt saru xogħlijiet taħt id-

direzzjoni tal-Qorti, taħt is-supervizjoni tal-Perit Alan Saliba, li permezz taghhom dawn l-gherien ġew *encased* fil-konkos sabiex ma jsirilhomx ħsara meta jsiru x-xogħlijiet. Ngħid illi jiena m'inhix edott mill-fatti ta' dak li qed jiġi suggerit lili mid-Difiza. Ngħid illi l-aħħar spezzjoni li ghamilna kien fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju ta' din is-sena u kif diġà xhedt, meta aħna morna hemmhekk, naf illi rajt xi konkos fuq il-post però nghid ukoll illi xorta waħda rrizultalna dak li konna qed naraw illi fil-fatt ħsara ghad hemm f'dawn l-gherien billi l-ixquq illi kien hemm zdiedu. Jiena ma nistax nikkwantifika madanakollu b'mod eżatt kemm zdiedu dawn ix-xquq però nista' nghid illi mill-ewwel spezzjonijiet illi konna ghamilna dawn ix-xquq fil-fatt zdiedu fin-numru. Ngħid illi meta ghamilna l-ewwel spezzjonijiet dawn il-hsarat ma kinux hemm iżda sussegwentement fil-fatt dawn il-hsarat bdew hergin. Però jiena ma nistax nghid x'ikkaguna din il-hsara. Ngħid illi jiena l-ewwel darba li mort fuq dan il-post, ghal ħabta ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) ngħid illi dak iz-żmien dawn ix-xquq ma kinux jezistu jew li kien hemm kienu minimi ħafna u certament li zdiedu matul dan iz-żmien.

Ngħid illi jiena m'inhix edott mill-fatt illi kien hemm mandati ta' inibizzjoni li kienu qegħdin izommu lil Cini milli jkompli bix-xogħlijiet.

Waqt dawn il-proceduri xehed il-manager tal-*Cultural Heritage Unit* tal-MEPA. **Joe Magro Conti**[7]**:**

Kienet saret applikazzjoni f'isem Alfred Cini u Maria Vella mill-Perit Robert Grech liema applikazzjoni ggib in-numru 45299/05 u dan sabiex jigu emendati permessi li kienu hargu precedentement.

[7] Xhieda moghtija fl-4 ta' Dicembru 2007

Jiena l-ewwel darba li spezzjonajt dan il-post kien fis-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) u dan in konnessjoni mal-permess 5299/05. Meta jiena għamilt l-ispezzjoni nnutajt li kien hemm zewg *rock cut chambers*; dan ifisser li dawn qishom għerien li jkunu *man-made* jiġifieri li jkunu magħmulin u mqattgħin mill-bniedem. Dawn kienu ta' qisien mhux kbar ħafna; waħda minnhom kienet ta' metru u nofs bi tlett metri (1½m × 3m), u l-oħra kienet ta' żewġ metri b'żewġ metri bejn wieħed u ieħor (~ 2m × 2m), u bejniethom kien hemm spiera ta' l-ilma. Ngħid illi dawn l-għerien ma kinux jidhru li kienu antiki ħafna, nikkalkula bejn wieħed u ieħor bejn hamsin u mitt (50 – 100) sena.

Madanakollu għall-finijiet tal-liġijiet kulturali u ċioé għall-fini tal-liġi dwar il-patrimonju kulturali tas-sena elfejn u tnejn (2002), dawk is-siti li huma antiki iktar minn ħamsin (>50) sena jitqiesu li huma wirt kulturali. Ngħid illi dan il-perjodu ta' żmien ta' hamsin (50) sena kienet gia inkorporata fil-liġi dwar l-antikitajiet u reġa' ġiet inkorporata fil-liġi dwar il-patrimonju kulturali tas-sena elfejn u tnejn (2002).

Jiena, fl-opinjoni tiegħi, wasalt għall-konkluzzjoni illi dawn l-għerien għandhom iktar minn hamsin (>50) sena għaliex jiena wasalt għall-konkluzzjoni li dawn ċertament saru qabel it-tieni gwerra dinjija. Ngħid hekk għaliex wara l-gwerra, meta kienu jsiru ċertu eskavazzjonijiet, dawn bdew imbagħad isiru bil-makkinarju. Jiena ngħid illi dawn ir-*rock cut chambers* jista' jkun illi saru in konnessjoni ma' affarijiet rurali u dan sabiex il-bdiewa jżommu ċertu affarijiet fihom bħal għodda u forsi anke xi bhejjem.

Jiena stajt nasal għall-konklużjoni illi x'aktarx li dawn ma kellhomx l-ebda konnessjoni ma' xi katakombi jew xi oqbra illi setgħu jwasslu għal żmien iktar imbiegħed, u ċioé li jkunu ta' iktar valur prezzjuż. Ngħid illi madanakollu dawn għandhom ċertu valur kulturali għaliex huma *man-made* però ma nistax ngħid illi dawn jistgħu jwasslu jew jirrisalu għal xi tip ta' oqbra illi kienu

jirrisalu għal zminijiet iktar antiki. U għalhekk għall-finijiet tal-liġi tal-patrimonju kulturali ngħid illi dawn għandhom ċertu valur però wieħed irid jara kemm fil-fatt huma antiki. Meta jiena għamilt l-ispezzjoni fis-sit ngħid illi dawn ir-*rock cut chambers* ma kinux imkissra però ngħid illi f'wieħed minnhom kien hemm qisha toqba daqs ta' ras ta' bniedem u ngħid illi dan l-għar kien *punctured* b'din it-toqba minħabba xogħlijiet ta' eskavazzjoni.

Ħafna drabi f'dawn il-każijiet aħna nippruvaw nilħqu arranġament mal-perit tal-applikant sabiex naraw nistgħux insibu soluzzjoni kif dan il-wirt kulturali jista' jiġi preservat mingħajr ma nżommu li jsir l-iżvilupp ta' dan is-sit.

**Grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni**

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet tal-fatti kunfliggenti.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzati jigi misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens

tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe

jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputati.

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil min jaghti affidament miz-zewg versjonijiet ta' kif graw il-fatti u dan anke fl-isfond tax-xhieda li taw xhieda independenti.

II-Qorti tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, waqt li d-Difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilta'.

**OSSERVAZZJONIJIET**

L-imputat **Alfred Cini** stqarr li huma bix-xogħolijiet tagħhom ma kkawżaw l-ebda ħsara lill-għerien u dejjem żammew tal-anqas żewġ metri distanza mill-gherien. Cini sostna li Saviour Azzopardi kien qiegħed jagħmillu l-bsaten fir-roti biss għaliex ried garaxx minn dawk li kien se jibni b'xejn u hu ma ċediex għal dan.

Alfred Cini kkonferma li l-imputat Joseph Muscat anqas kien mess dawn l-għerien u żamm id-distanza ta' żewġ metri bogħod minnhom.

Dwar id-distanza mill-izvilupp ghall-gherien xehed **PS 1377 Emmanuel Cilia** qal (*a fol* 20) li *"il-makkinarju kien qiegħed pjuttost lura mill-post in kwistjoni"* u qal li *"jien m'inix f'posizzjoni li nassessja l-ħsara li saret u lanqas nista' ngħid il-kwistjonijiet rigward patrimonju għaliex m'inix kompetenti f'dan ir-rigward".*

L-imputat **Joseph Muscat** mistoqsi kemm kien qiegħed 'il bogħod mill-għerien meta kien qiegħed jagħmel ix-xogħol, qal *"kont qiegħed fuq erba' metri (4m), iva, erba' metri jiġu; ħa ngħidlek bil-piedi, ngħidlek jiġu mal-għoxrin pied (20')."* Muscat qal li dawn l-għerien għadhom hemm hekk preżenti. Huwa sostna li ma wettaq assolutament xejn li jista' b'xi mod jitqies li kkaġuna ħsara lil dawn l-għerien.

Illi l-Qorti fliet sewwa x-xhieda taż-żewġ imputati u jidher li din hija konsistenti ma' dak li rrizulta fil-process. Il-Qorti ma tistax tifhem kif il-kontro-eżami taż-żewġ imputati ġie rinunzjat meta kontro ezami jsir b'certu ghaqal, setghu jsiru mistoqsijiet li bit-twegibiet taghhom jista' jsahhah il-kaz tal-prosekuzzjoni.

Fil-ktieb ta' Peter Murphy[8] dwar l-evidenza u l-fatt li ma jsirx kontro-ezami lill-imputat jghid:

> *"Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine. Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters or would be so able, given the truth of counsel's case".*

Is-Sur **Mark Anthony Mifsud** xehed li l-għerien hemm hekk kienu għadhom u dan wara diversi spezzjonijiet. Huwa stqarr li x-xquq fil-fatt żiedu fin-numru però kompla qal *"ma nistax ngħid x'ikkaguna din il-ħsara"*. Mark Anthony Mifsud (*a fol* 100) jghid l-imputati segwew l-istruzzjonijiet

[8] **Murphy on Evidence** 7th Ediz. 2000, pagna 511

lilhom mogħtija mill-Awtoritajiet u meta ġew mitluba sabiex jieqfu temporanjament milli jkomplu jiżviluppaw il-post huma immedjatament obdew tali ordni. Tlett ijiem wara huma ġew awtorizzati sabiex ikomplu l-istess xogħol.

Dwar l-argumentazzjoni tal-*parte civile* li l-imputati riedu jeqirdu dawn l-għerien, il-Qorti tinnota li huwa minnu li kienet saret applikazzjoni f'dan is-sens mal-Awtoritajiet kompetenti però meta din l-applikazzjoni ġiet miċħuda mill-MEPA intqal li *"the proposed development would have an adverse impact on caves which have cultural heritage significance and would conflict with Structure Plan Policy ARCS which provides that such areas or sites should be safe guarded and preserved"*[9], l-imputati obdew dik id-deċizjoni u l-għerien għadhom preżenti sal-ġurnata tal-lum kif din il-Qorti kellha c-cans tara waqt l-Access ta' nhar il-Hamis 7 ta' Jannar 2016.

Il-Qorti tirreferi ghal dak li xehed **Joe Magro Conti** fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2007 fejn qal li *"ghalkemm dawn l-gherien ma kinux qodma hafna, ghal finijiet tal-ligi dwar il-Patrimonju Kulturali tas-sena 2002 dawn is-siti jitqiesu bhala Wirt Kulturali ghaliex ghandhom 'il fuq minn hamsin (50) sena. Dawn l-gherien aktarx li kienu saru ghal skopijiet rurali bhal nghidu ahna, biex il-bdiewa jzommu l-annimali u l-ghodod taghhom"*[10].

Illi in vista tad-dikjarazzjoni ta' Joe Magro Conti din il-Qorti tirrimarka li jekk hu veru li dawn l-gherien huma siti li jitqiesu bhala Wirt Kulturali zgur

[9] Dokument JA3
[10] Nota ta' sottomissjonijiet tal-*parte civile a fol* 314

li mhux ikkurati u preservati kif ghandhom ikunu siti li jitqiesu Patrimonju Kulturali.

Il-Qorti wara l-Access li zammet tirrimarka li se toqghod lura milli tordna passi kriminali kontra l-*parte civile* dwar nuqqas ta' tharis tal-patrimonju kulturali. Il-post fejn hemm dawn l-ghirien huwa zdingat u traskurat u li kieku l-*parte civile* tant taharqu qalbu lejn l-ambjent u lejn il-patrimonju kulturali zgur li jiehu hsieb aktar dak li jghid li hu tieghu[11].

**Ikkunsidrat**

**<u>L-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 46, 47, 53(a), 53(b) u 53(d) tal-Kapitolu 445 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

F'dan il-kaz, din il-Qorti mhijiex sodisfatta illi hemm provi sufficjenti li jindikaw, minghajr ebda dubju dettat mir-raguni, illi l-imputati huma hatja tal-ewwel tliet imputazzjonijiet. Il-prosekuzzjoni qatt ma messha cediet ghall-pressjoni li saret mill-*parte civile* biex dan il-kaz jitmexxa fil-Qorti, b'tant telf ta' hin u rizorsi. La l-pulizija ma kelliex talba biex tipprocedi mill-Awtoritajiet dwar l-ewwel tliet akkuzi anzi kien hemm parir bil-maqlub kif xehed is-Supretendent Antonello Grech, il-pulizija qatt ma kellha tressaq lill-imputati l-Qorti u takkuzahom. L-aktar, l-aktar il-prosekuzzjoni kellha tmexxi biss u dan wara l-kwerela li saret bir-raba'(4) imputazzjoni.

[11] Ara kopja awtentikata tal-att tal-akkwist a fol 108 fejn jinghad li Saviour u Bernarda Azzopardi messithom porzjoni diviza fi Triq ir-Rabat, Nadur tal-kejl ta' 232 metri kwadri bi spiera fin-naha tal-Majistral .. inkluz l-ghar u l-ispiera li jinsabu fuq in-naha tax-Xlokk tal-istess porzjon art.. A fol 107 fl-istess dokument jinghad li lill-Lawrence u Susan Camilleri giet assenjata bicca art ta' 460 metru kwadru li tinkludi ghar li jinsab fuq in-naha tax-Xlokk tal-istess porzjoni art kif muri ahjar u delineat bl-ahdar fuq il-pjanta annessa mal-att. Dan l-att kien esebit fit-23 ta' Ottubru 2008 mill-kwerelant Saviour Azzopardi.

**<u>Ir-raba' (4) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

L-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 jipprovdi li:

> *(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati -*
>
> *(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma jkun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċentezmu (116.47), il-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena;*

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati li ghamlu hsara volontarja fuq l-gherien tal-*parte civile*, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Il-*parte civile* qieghed jistieden lil din il-Qorti ssib lill-imputati hatja tar-raba' imputazzjoni ghaliex *"huwa ovvju li tali hsara tirrizulta u l-imputati ghandhom jinstabu wkoll hatja taht dan il-kap tal-akkuza"*. Kif jaf l-abbli avukat tal-*parte civile* l-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjonijiet taghha *"ghax huwa ovvju li tali hsara tirrizulta"* izda:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-*

*gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[12]

Il-*parte civile* pprezenta f'dawn l-atti rapport tal-Perit Guido Vella li kkonstata l-istat attwali tal-post. Fir-rapport tiegħu l-Perit ma indikax l-ammont ta' ħsara li setghet ġiet ikkawżata mill-imputati.

Il-*parte civile* naqas milli jgib dik il-prova li turi li l-kwerelant sofra hsara fl-ammont minnu pretiz.

Din il-Qorti tirrimarka li x-xhieda u d-dokument tal-Perit Guido Vella ma jammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-qorti.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-**Pulizija –vs- Joseph Zahra** App Krim 24.2.2003 fejn intqal li:

> *"din ma tammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni* ex parte *u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Naturalment kull kaz ghandu dejjem ikun deciz fuq il-fatti in ispeci tieghu u meta jitqies illi l-kwerelant esebixxa biss stima li anqas biss tiddiskrivi t- tiswija li ghandha ssir u minghjar ma ressaq lil min ghamilha sabiex jikkonferma d-dokument, allura din il-Qorti ma tistax ma tqisx l-istess bhala opinjoni* ex parte.*"*

Illi m'hemmx dubju ghalhekk li r-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jinstabu mhux hatja taghha.

---

[12] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

**Decide:**

Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Maġistrat**